MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU WIEĦED

**2 ta' Lulju, 2014**

Il-Membri kif tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.00 ta' filgħaxija.

Fl-elezzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra tal-24 ta' Mejju, 2014 kien hemm erba' kandidati biss li kkontestaw għalhekk ma kienx hemm votazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv mexxiet skont kif iggwidata mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

PREŻENTI

Il-membri s-Sinjuri Joseph D'Amato, Pierre Farrugia, Marylyn Sammut u Maria Schembri.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

**1.1 Konferma għall- ħatra taċ-Chairperson u Viċi Chairperson**

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttivi laqqgħat lill-Membri għall-ewwel laqgħa fit-tieni leġislatura u staqsiet min juri ix-xewqa li jsir iċ-Chairperson. Is-Sur Pierre Farrugia wera x-xewqa li jkompli fil-pużizzjoni li kellu fil-leġislatura preċedenti. Is-Sinjura Marija Schembri nnominat lis-Sur Pierre Farrugia bħala Chairperson u kien hemm qbil unanimu fuq dan.

1.1.2 Is-Sinjorina Marylyn Sammut innominat lis-Sinjura Marija Schembri għall-ħatra ta' Viċi Chairperson. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

1.1.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda l-laqgħa. Hu rringrazzja lill-membri kollha tal-fiduċja li wrew fih għal din il-ħatra. Il-Viċi Chairperson Marija Schembri rringrazzjat lill-membri kollha tal-fiduċja li wrew fiha ukoll.

1.1.4 Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa tal-leġislatura preċedenti.

## 1.2 Budget

1.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-budget tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u fehmet lil dawk preżenti bil-bilanċi li kien fadal mill-Amministrazzjoni preċedenti u l-infieq li jrid jagħmel il-Kumitat. **Dok 1 mehmuż.**

1.2.2 Kien hemm qbil li meta l-Kumitat Amministrattiv jirċievi l-approvazzjoni mill-Enemalta għat-twaħħil tat-tliet lampi fi Triq Ħal Far, jerġgħu jitressqu fis-seduta għall-approvazzjoni ta' waħda waħda, skont il-fondi li jkollu il-Kumitat dak iż-żmien.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi

2.1 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jibda jaħdem biex il-parti ta' Triq it-Torri minn Vjal l-Indipendenza sa Triq Fra Gan Marie Zammit issir *resurfaced*, minħabba l-ammont ta' ħsara li fiha. Kien hemm qbil unanimu fuq dan u s-Segretarju Eżekuttiv intalbet biex tipproċedi biex iġġib stima tax-xogħol.

2.2 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jiċċekja mal-kumpanija Polidano Brothers jekk ix-xogħol ta' kostruzzjoni tagħhom fi Triq Fra Gan Marie Zammit hux lest. Ħalli filkaż li tlesta l-Kumitat jinforma lil Transport Malta biex jipproċedu sabiex jagħtu wiċċ lit-triq. Kien hemm qbil fuq dan.

2.3 Il-membru Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex il-Kumitat Amministrattiv jagħmel lista ta' toroq f'Bubaqra li bħalissa jinsabu bla

wiċċ, sabiex tali lista tintbagħat lill-Transport Malta. Kien hemm qbil li ċ-Chairperson Pierre Farrugia u l-membru Joseph D'Amato jagħtu tali lista lis-Segretarju Eżekuttiv.

2.4 Il-membru Joseph D'Amato qal li hemm bżonn ta' *patching* fis-*side roads* ta' Triq Santa Marija. Kien hemm qbil fuq dan u li ma kienx hemm bżonn li jsir tqattieh u fejn hemm bzonn issir *patch* kbira minflok *patches* zgħar waħda fejn l-oħra. Kien hemm qbil fuq dan.

2.5 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri nfurmat li wara l-*bring in site* ta' Triq Kalanġ Bugeja twaqqa ċint u barra li qed ikerrah ħafna, xi nies qedgħin jitfgħu l-iskart warajh. Kien hemm qbil li ssir l-ordni għal bini ta' tali ċint.

2.6 Il-Viċi Chairperson Marija Schembri nfurmat ukoll li jeħtieġ li ssir tiswija tat-*traffic islands* fi Vjal l-Indipendenza – dik li tmiss ma' Triq Kalanġ Buġeja u l-oħra li tmiss ma' Triq G M Callus. Kien hemm qbil li ssir l-ordni tax-xogħol.

**3. Appuntament għas-Seduta li jmiss**

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar il-Ħamis 24 ta' Lulju, 2014 fil-5.30pm

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Lulju, 2014

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**